**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 31 TA' JANNAR, 2002

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 481/01 AE**

**Master Distributor Ltd gja maghrufa bhala Master Wine Ltd**

**Vs**

**Joseph Leone Ganado**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm181.40) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija fuq ordni tal-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta il-kawza u milli jidher ghas-seduti li saru quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Charmaine Zammit (in rapprezentanza tas-socjeta attrici) tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm181.40), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**